MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1032/2003

***Agius Marble Works Limited***

***Versus***

***Springfield Company Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' disat elef, disa' mija u ħames liri (Lm9,905) bilanċ tal-prezz ta' rħam konsenjat u mqiegħed mis-soċjetà attriċi fil-lukanda tas-soċjetà konvenuta fil-Qawra. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax mis-27 ta' Lulju 1995, data tal-fattura, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali tas-7 t'April 1997 u tad-29 ta' Novembru 2001, u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. is-soċjetà konvenuta ma hijiex kontradittriċi leġittima u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax:

a. ma daħlet f'ebda negozju mas-soċjetà attriċi għax kull negozju sar ma' Emanuel Zammit jew ma' martu

Josephine Zammit personalment għax dawn "huma s-sidien tal-Lukanda Springfield Company Limited" (*sic*); u

b. meta sar in-negozju s-soċjetà konvenuta kienet għadha ma twaqqfitx;

2. għalkemm huwa minnu li l-materjal kien konsenjat, ħlief għal-wiċċ ta' l-irħam li kellu jitqiegħed fuq il-*front desk* u baqa' ma ġiex konsenjat, il-prezz kien ukoll għax-xogħol ta' tqegħid, u dan ix-xogħol sar bil-għaġla u ħażin, tant li f'xi partijiet irid jerġa' jinqala'; għalhekk is-soċjetà attriċi ma għandhiex titlob imgħax u għandha tbati l-ispejjeż tal-kawża għax, għalkemm imsejħa kemm-il darba biex tagħmel ix-xogħol ta' tqegħid kif iridu l-arti u s-sengħa, dan baqgħet ma għamlitux; u

3. il-kejl li għalih qiegħed jintalab ħlas ma jaqbilx mal-kejl tax-xogħol imqiegħed.

Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva.

Wara li l-qorti stednitha tippreżenta kopja tal-*memorandum* u l-istatut tagħha, is-soċjetà konvenuta irtirat it-tieni parti ta' l-eċċezzjoni tagħha, fejn tgħid illi ma kinitx inkorporata meta sar in-negozju mas-soċjetà attriċi. Xorta baqgħet tgħid iżda illi n-negozju ma sarx magħha iżda mad-diretturi tagħha.

Il-partijiet jaqblu illi fin-negozjati u għall-ftehim kienu jidhru Emanuel u Josephine Zammit, iżda Zammit qegħdin igħidu illi dehru *proprio* u mhux *nomine*. Billi ma saret ebda kitba, huma ċ-ċirkostanzi li fihom sar il-ftehim li jridu juruna min tassew kienu l-partijiet li ntrabtu.

Min jagħmel ftehim jitqies li għamel dak il-ftehim f'ismu u mhux f'isem ħaddieħor sakemm ma jurix ċar, imqar biss impliċitament, illi qiegħed jidher u jintrabat f'isem ħaddieħor. Din il-preżunzjoni ta' fatt, iżda, tista' tingħeleb meta ċ-ċirkostanzi juru xort'oħra.

Fil-każ tallum, fil-fehma tal-qorti, ma tressqet ebda prova illi tista' raġonevolment twassal għall-konklużjoni illi Emanuel u Josephine Zammit urew illi kienu qegħdin jidhru u jintrabtu f'isem ħaddieħor.

Fl-*affidavit* tiegħu Lawrence Agius, direttur tas-soċjetà attriċi, stqarr "illi għall-ħabta ta' Jannar jew Frar tas-sena 1995 il-konjuġi Zammit kienu ġew fl-istabbiliment tagħna l-Imqabba u talbuna sabiex naħdmulhom xogħol ta' rħam fil-lukanda tagħhom *Springfield Hotel*". F'din l-istqarrija

ma hemm xejn li juri illi, dak iż-żmien, id-diretturi tas-soċjetà attriċi fehmu jew ingħataw x'jifhmu illi Zammit kienu qegħdin jidhru f'isem xi soċjetà. Min-naħa l-oħra, Emanuel u Josephine Zammit fl-*affidavit* tagħhom itennu illi l-ftehim f'isimhom stess għamluh.

Huwa ferm relevanti illi, meta rat illi Zammit ma ħallsux, is-soċjetà attriċi b'ittra uffiċjali tas-7 t'April 1997 sejħet lil Emanuel Zammit, mhux lis-soċjetà konvenuta, biex iħallas. Bi tweġiba għal din l-ittra uffiċjali ntbagħtet ittra uffiċjali oħra fl-14 t'April 1997 lis-soċjetà attriċi minn *Springfield Hotel*. L-isem *Springfield Hotel* huwa biss ditta, u jista' jkun sew l-isem li bih tinnegozja persuna fiżika u kemm l-isem li bih jinnegozja korp morali. Li hu relevanti iżda huwa l-fatt illi l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà attriċi turi illi din fehmet illi l-ftehim kien sar ma' Zammit *proprio* u mhux ma' xi soċjetà.

Tassew illi fid-29 ta' Novembru 2001 is-soċjetà attriċi bagħtet ittra uffiċjali oħra, din id-darba lis-soċjetà konvenuta, u din wieġbet fl-14 ta' Diċembru 2001 f'isimha u tat x'tifhem illi l-ftehim kien sar magħha, iżda dak li sar fl-2001 ma bidilx il-partijiet fil-ftehim. Jista' jingħad illi meta wieġbet f'isimha s-soċjetà konvenuta żgwidat lill-attriċi, iżda għandu jingħad ukoll illi kienet l-attriċi illi, wara li fl-1997 sejħet lil Emanuel Zammit biex iħallas, u hekk wriet li kienet taf illi l-ftehim kien sar miegħu *proprio*, fl-2001 sejħet lis-soċjetà konvenuta, bla ma wriet għala din id-darba t-talba għamlitha kontra persuna differenti, u għalhekk ma jistax jingħad b'ċertezza min kien li żgwida lil min.

F'kull każ, dan jista' jkollu relevanza għall-ispejjeż tal-kawża – u huwa għal din ir-raġuni illi l-qorti sejra ordna illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha – iżda ma jwassalx biex jinbidlu l-partijiet fil-ftehim.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva u teħles lis-soċjetà konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju. Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tar-reġistru tħallashom is-soċjetà attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------